MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Avviz Numru. 277/2011

**Seaway Investments Limited**

**Vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores nominat bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan skond Digriet tal-5 ta' Dicembru 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Seaway Investments Limited fl-24 ta' Awwissu 2011, permezz ta' liema titlob li Dr. Renzo Porsella Flores, nominat bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan, jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef sitt mija tlieta u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€4,673.47) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-bilanc ta' kera tal-fond 16/6 Milner Street, Sliema, mikri lil Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan ghall-perijodu bejn is-7 ta' Mejju 2009 sas-7 ta'

Mejju 2010 bir-rata ta’ €815 fix-xahar eskluz il-VAT, liema ammont ma thallasx fit-totalità tieghu peress illi Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan ghazel li jitlaq mill-fond qabel il-waqt minghajr ma inghata kunsens da parte taghha, kif ukoll rifuzjoni ta’ tindif ta’ l-istess fond oltre kontijiet varji li ma hallasx, bhal dawl u ilma, u hsarat kawzati fl-istess fond, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-Rikors u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 992/10, kontra Dr. Renzo Porsella Flores bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan;

Rat ir-Risposta ta’ Dr. Renzo Porsella Flores bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan permezz ta’ liema jeccepixxi li: (i) in linea preliminari, jekk Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan mhux domiciljat Malta u lanqas ghandu ebda proprjetà hawn Malta, din il-Qorti mhux kompetenti biex tisma’ din il-kawza ai termini ta’ l-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u li (ii) ma huwiex edott mill-fatti tal-kawza izda fi kwalunkwe kaz is-socjetà attrici ghandha taghti rendikont shih tal-bilanc minnha mitlub;

Semghet ix-xhieda ta’ Adrian Mifsud moghtija waqt is-seduta tat-22 ta’ Marzu 2012[1] u x-xhieda ta’ l-Avukat Dottor Joseph Schembri moghtija waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Lulju 2012[2], u rat id-dokument esebit mis-socjetà rikorrenti permezz ta’ Nota ipprezentata fit-12 ta’ April 2012 a fol. 17 u 18 tal-process;

Rat in-Nota tal-konvenut nomine pprezentata fil-31 ta’ Ottubru 2012 li biha informa lill-Qorti li ma ghandux provi x’jressaq u jirrimetti ruhu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 15 u 16 tal-process.
[2] Fol. 22 u 23 tal-process.

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li Dr. Renzo Porsella Flores, nominat bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan b'Digriet datat 5 ta' Dicembru 2011, jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €4673.47, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti il-bilanc ta' kera tal-fond 16/6 Milner Street, Sliema, mikri lil Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan ghall-perijodu bejn is-7 ta' Mejju 2009 u s-7 ta' Mejju 2010 bir-rata ta' €815 fix-xahar, eskluz il-VAT, liema kera baqghet ma thallsitx peress illi Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan telaq mill-fond qabel il-waqt minghajr il-kunsens minn qabel taghha, kif ukoll rifuzjoni ta' tindif tal-fond oltre kontijiet varji li ma thallsux, bhal dawl u ilma, u hsarat kawzati fl-istess fond.

In risposta ghat-talba attrici l-konvenut nomine eccepixxa, in linea preliminari li kemm-il darba Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan mhux domiciljat Malta u lanqas ghandu proprjetà hawn Malta din il-Qorti ma hijiex kompetenti biex timsa' l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-mertu li ghalkemm mhux edotti mill-fatti tal-kaz is-socjetà attrici ghandha taghti rendikont shih tal-bilanc minnha pretiz.

B'referenza ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine jigi osservat li ai termini ta' l-Artikolu 742(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, *bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort' ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija: … (f) kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità guridika distinta jew assocjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta*[3].

Mill-provi prodotti mis-socjetà rikorrenti[4], liema provi ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-konvenut nomine,

[3] Sottolinear tal-Qorti.
[4] Xhieda ta' Adrian Mifsud moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2012, fol. 15 u 16 tal-process u ittra legali datata 9 ta' April 2012 a fol. 18 tal-process.

jirrizulta li bis-sahha ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ottenut kontra Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan gew depozitati flus taht l-Awtorità tal-Qorti permezz ta' Cedoli ta' Depozitu bin-Numri 701/10, 1144/10, 1454/10, 1909/10, 2312/10 u 220/11, fuq liema depoziti s-socjetà rikorrenti bi hsiebha tesegwixxi l-eventwali titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tal-konvenut nomine.

Ikkunsidrat dan il-fatt fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 742(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut nomine din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi din il-kawza. Ghaldaqstant, l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine ghandha tigi michuda.

In kwantu rigwarda l-mertu jigi osservat illi Adrian Mifsud, Direttur tas-socjetà attrici, ikkonferma bil-gurament li l-ammont pretiz bil-proceduri odjerni – ossia s-somma ta' €4,673.47 – ghadu dovut minn Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan lis-socjetà attrici. Din l-affermazzjoni hekk ikkonfermata bil-gurament minn Adrian Mifsud, ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-konvenut nomine li anzi permezz ta' Nota pprezentata fil-31 ta' Ottubru 2012 iddikjara li ma ghandux provi x'jressaq u rrimetta ruhu.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex tiddikjara li s-socjetà rikorrenti hija effettivament kreditrici ta' Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan fl-ammont ta' €4,673.47 u li t-talba taghha – kif diretta fil-konfront ta' Dr. Renzo Porsella Flores bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Geraud de la Court sive Gerard Jacques Yvan – ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine kif ukoll it-tieni eccezzjoni minnu sollevata, tilqa' t-talba tas-socjetà attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €4,673.47, bl-imghax legali

dekoribbli mill-24 ta’ Awwissu 2011, id-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------